MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2736/2002

**Fogg Insurance Agencies Limied ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Alexandra Galea abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *Comprehensive* u tal-Ligi, u l-istess Alexandra Galea**

**Vs**

**Richard Calleja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz prezentat mill-atturi fis-27 ta' Dicembru, 2002, li permezz tieghu ssottomettew it-talba taghhom, u cioe' l-ammont ta' erba mija u tlieta u erbghin lira Maltin (Lm 443) jirrappresenta d-danni kollha sofferti mill-attrici Alexandra Galea assigurata tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' erba mija u tmintax il-lira Maltin (Lm418), is-socjeta' attrici Fogg Insurance

Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) l-istess Alexandra Galea in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fil-10 ta’ Dicembru, 2002, ghall-habta tat-8.15 a.m., gewwa Triq l-Imdina, Balzan, bejn il-vettura ta’ l-attrici Alexandra Galea, bin-numru ta’ registrazzjoni BAF 113, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni JBB 147, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragini, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali li qed tintbghat kontestwalment ma’ dan l-att l-isocjeta’ assikuratrici MiddleSea Insurance p.l.c., u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att sad-data tal-hlas effettiv.

Ra id-dokumenti kollha esebiti

Semgha lix-xhieda kollha prodotti bil-gurament.

Ra l-atti kollha.

Semgha it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRA :**

Jirrizulta mill-provi li l-attrici Alexandra Galea kienet tielgha minn Triq M. A.Refalo, Balzan, ghall-habta tat-8.15 a.m., sejra lejn Triq l-Imdina, filwaqt li il-konvenut Richard Calleja kien ghaddej mill-imsemmija Triq l-Imdina, mid-direzzjoni ta’ l-Ambaxxjata Libjana. Il-habta saret proprju fl-inkrocju ta’ bejn dawn iz-zewg toroq. Alexandra Galea kienet qed issuq il-vettura numru BAF 113, u l-konvenut Richard Calleja kien qed isuq il-vettura numru JBB 113.

Alexandra Galea tghid li hi waqfet fuq l-istop sign li hemm fit-tarf ta’ M.A. Refalo Street, u dan biex tesplora t-traffiku fi Triq l-Imdina, u kif appena bdiet iddur fuq ix-xellug taghha biex tipprocedi f’din it-triq, giet il-vettura misjuqa mill-konvenut Richard Calleja u dahlet fuq in-naha ta’ quddiem tal-vettura taghha. Bid-daqqa, il-vettura taghha daret.

Minn naha tieghu, il-konvenut Richard Calleja jghid li hu kien gej fi Triq l-Imdina u x' hin kien sejjer idur ghal go M.A. Refalo Street, habat mal-vettura misjuqa mill-attrici li harget minn fuq l-istop sign u dahlet go fih.

F' din il-habta, il-vettura ta' attrici Alexandra Galea sofriet danni ammontanti ghas-somma ta' Lm443 li thallsu mill-assikurazzjoni taghha, is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u li minnhom hemm is-somma ta' Lm25 li thallsu mill-attrici Alexandra Galea bhala excess payment. Hu ghalhekk li din is-socjeta'giet surrogata fid-drittijiet ta' Alexandra Galea.

Jirrizulta mill-provi, kif juri l-iskizz esebit, illi fuq ix-xellug tal-konvenut kien hemm vettura numru BBL 146 ipparkjata man-naha ta' wara ta' bus stop li jidher fl-istess skizz. Fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad:- *"both parties agreed that vehicle number BBL 146 was parked where shown on sketch"* (fol. 22-23). Huwa fatt li din il-vettura kienet qeghda tostakola parti mit-triq tal-konvenut, izda mhux kompletament kif qal il-konvenut fix-xhieda tieghu. Ghandu jissemma wkoll li mill-iskizz li ghamel l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jidher ukoll li fuq ix-xellug tal-konvenut hemm ukoll *parking spaces* [murija b'kaxxi] u ghalhekk il-wisa' tat-triq bilfors li tidjieq.

L-attrici Alexandra Galea tghid li waqfet fuq l-istop sign, u saqet ftit sabiex ikollha vizwali ahjar tat-traffiku li kien hemm fit-Triq l-Imdina. Kien f'dan il-mument li sehh l-incident. It-Tribunal jemmen li kif jirrizulta mir-ritratti li gew ezebiti ma kienx hemm bzonn li wiehed jixref il-barra mil-linja bajda sabiex ikollu vizwali tajba. It-triq hija tali li vettura

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-attrici Alexandra Galea ghandha responsabbilta ghal dan l-incident meta harget xi ftit minn gewwa M. A. Refalo Street ( li hija 'side street') ghal go Triq l-Mdina, wara li ssuperat l-istop sign li hemm fit-triq fejn kienet hierga minnha hi. Ma jirrizultax li kien hemm xi ostakolu ghall-vizwali taghha tul Triq l-Mdina kollha, li hi trid piuttost twila u dritta. Jidher ghalhekk li dan

hu kaz ta’ nuqqas ta’ **proper lookout** da parti ta’ l-attrici Alexandra Galea hi u tohrog minn *side road* ghal go Triq l-Mdina. Jekk verament waqfet fuq l-*istop sign* u jekk verament esplorat Triq l-Imdina, kellha indubjament tinduna bil-presenza tal-vettura tal-konvenut gejja minn fuq in-naha tax-xellug taghha.

Illi filwaqt li l-attrici Alexandra Galea kellha l-obbligu li toqghod aktar attenta qabel ma harget ghal go Triq l-Mdina, min-naha tieghu l-konvenut Richard Calleja kellu wkoll l-obbligu li meta ghamel l-manuvra tas-sorpass tal-vettura pparkjata, kellu juza certa prudenza kif ukoll jaghti preavviz (anke bl-uzu tal-horn) tal-presenza tieghu. Dan apparti l-fatt li jidher bic-cjar li ma kellux ghalfejn isuq daqstant il-barra, wiehed jasal biex ighid li huwa kien kompletament *wrong side*.

Illi ghalhekk, meta jigu kunsidrati c-cirkostanzi kollha ta’ dan l-incident, dan it-Tribunal jara li z-zewg sewwieqa kkontribwew ghall-habta in kwistjoni u dan fi gradi ndaqs bejniethom.

Ghal dak li jikkoncerna l-likwidazzjoni ta’ danni dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi illi filwaqt li jiddikjara li r-responsabilita’ w htija ta’ l-incident ghandha tinqasam fi gradi ndaqs bejn l-attrici Alexandra Galea u l-konvenut Richard Calleja, jillikwida d-danni sofferti minn Alexandra Galea fis-somma ta’ Lm 443, u jikkundanna lill-konvenut Richard Calleja jhallas lill-attrici Alexandra Galea nofs is-somma hekk likwidata, u cioe’ l-ammont ta’ Lm 221.50c, bl-imghax mil-lum.

L-ispejjez kollha wkoll ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------